**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Dokument ta' sessjoni*

**A10-0032/2024(NLE)**

16.12.2024

# RAPPORT

dwar il-proposta għall-ħatra tal-President tal-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu
(N10-0050/2024 – C10-0210/2024 – 2024/0802(NLE))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Aurore Lalucq, Javier Zarzalejos

## WERREJ

**Paġna**

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW....................................3

NOTA SPJEGATTIVA ....................................................................................................5

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEURS IRĊEVEW KONTRIBUT MINGĦANDHOM..............................................................................................................6

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI ....................7

## PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għall-ħatra tal-President tal-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu**
**(N10-0050/2024 – C10-0210/2024 – 2024/0802(NLE))**

**(Approvazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-4 ta' Diċembru 2024 (C10-0210/2024),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 68(1) tar-Regolament (UE) 2024/1620 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi l-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010[1],

– wara li kkunsidra r-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A10-0032/2024),

A. billi l-Artikolu 68(1) tar-Regolament (UE) 2024/1620 jipprevedi li l-President tal-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu għandu jintgħażel abbażi tal-mertu, il-ħiliet, l-għarfien, l-integrità, il-pożizzjoni rikonoxxuta u l-esperjenza fil-qasam tal-AML/CFT u kwalifiki rilevanti oħra;

B. billi l-Parlament huwa impenjat biex jiżgura l-bilanċ bejn il-ġeneri f'karigi eżekuttivi fl-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni; billi l-istituzzjonijiet u l-korpi kollha nazzjonali u tal-Unjoni għandhom jimplimentaw miżuri konkreti biex jiżguraw il-bilanċ bejn il-ġeneri;

C. billi skont l-Artikolu 68(1) tar-Regolament (UE) 2024/1620, fid-9 ta' Ottubru 2024 il-Kummissjoni adottat lista mqassra ta' kandidati għall-kariga tal-President tal-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu u l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern organizzaw seduti ta' smigħ ma' dawk il-kandidati fil-lista mqassra fil-25 ta' Novembru 2024;

D. billi, f'konformità mal-Artikolu 68(1) tar-Regolament (UE) Nru 2024/1620, il-Kummissjoni bagħtet il-lista mqassra lill-Parlament fid-9 ta' Ottubru 2024;

E. billi fl-4 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni adottat proposta biex is-Sa Bruna Szego tinħatar President tal-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu u bagħtet dik il-proposta lill-Parlament;

F. billi l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-Kumitat għal-Libertajiet

[1] ĠU L, 2024/1620, 19.6.2024.

Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern imbagħad evalwaw il-kwalifiki tal-kandidata proposta għall-kariga ta' President tal-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu, b'mod partikolari fid-dawl tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 68 tar-Regolament (UE) Nru 2024/1620;

G. billi fis-16 ta' Diċembru 2024, il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern organizzaw seduta ta' smigħ mas-Sa Bruna Szego, fejn għamlet stqarrija preliminari u wieġbet mistoqsijiet li ressqu l-membri tal-Kumitati;

1. Japprova l-proposta għall-ħatra tas-Sa Bruna Szego bħala l-President tal-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu kif ukoll lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

## NOTA SPJEGATTIVA

Dan ir-rapport ġie mfassal wara li l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern eżerċitaw is-setgħat mogħtija lill-Parlament skont ir-Regolament 2024/1620, b'mod partikolari l-Artikolu 68(1) tiegħu.

## ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI
## LI R-RAPPORTEURS IRĊEVEW KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteurs jiddikjaraw, taħt ir-responsabbiltà eskluživa tagħhom, li ma rċevew l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 16.12.2024 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 103<br>–: 10<br>0: 8 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Magdalena Adamowicz, Georgios Aftias, Rasmus Andresen, Giuseppe Antoci, Jaume Asens Llodrà, Francisco Assis, Pernando Barrena Arza, Stephen Nikola Bartulica, Nicolas Bay, Isabel Benjumea Benjumea, Stefan Berger, Gilles Boyer, Krzysztof Brejza, Jaroslav Bžoch, Mélissa Camara, Damien Carême, Susanna Ceccardi, Caterina Chinnici, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Alessandro Ciriani, Fabio De Masi, Lena Düpont, Marieke Ehlers, Engin Eroglu, Marco Falcone, Markus Ferber, Jonás Fernández, Claire Fita, Dirk Gotink, Branko Grims, Enikő Győri, Michalis Hadjipantela, Eero Heinäluoma, Evin Incir, Paolo Inselvini, Irena Joveva, Erik Kaliňák, Assita Kanko, Billy Kelleher, Fabienne Keller, Kinga Kollár, Moritz Körner, Tomáš Kubín, Alice Kuhnke, Aurore Lalucq, András László, Murielle Laurent, Fabrice Leggeri, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Lukas Mandl, Jorge Martín Frías, Michael McNamara, Ana Catarina Mendes, Verena Mertens, Nadine Morano, Siegfried Mureşan, Fernando Navarrete Rojas, Denis Nesci, Luděk Niedermayer, Fidias Panayiotou, Nikos Papandreou, Gaetano Pedulla', Guillaume Peltier, Lídia Pereira, Kira Marie Peter-Hansen, Pierre Pimpie, Jaroslava Pokorná Jermanová, Friedrich Pürner, Emil Radev, René Repasi, Chloé Ridel, Paulius Saudargas, Ralf Seekatz, Birgit Sippel, Krzysztof Śmiszek, Petra Steger, Cecilia Strada, Tineke Strik, Georgiana Teodorescu, Irene Tinagli, Pasquale Tridico, Milan Uhrík, Tom Vandendriessche, Francesco Ventola, Kristian Vigenin, Charlie Weimers, Sophie Wilmès, Isabel Wiseler-Lima, Lara Wolters, Alessandro Zan, Javier Zarzalejos, Tomáš Zdechovský, Auke Zijlstra |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Thomas Bajada, Fredis Beleris, Paolo Borchia, Herbert Dorfmann, Daniel Freund, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Gerben-Jan Gerbrandy, Monika Hohlmeier, Nikola Minchev, Maria Ohisalo, Emma Rafowicz, Oliver Schenk, Carla Tavares, Pekka Toveri, Sebastian Tynkkynen, Matthieu Valet, Maciej Wąsik |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Mika Aaltola, Barbara Bonte, Stefano Cavedagna, Heléne Fritzon, Sérgio Humberto, Ignazio Roberto Marino, Sven Mikser, Michele Picaro, Giusi Princi, Hélder Sousa Silva |